MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-8 ta' Jannar, 2010

Appell Civili Numru. 70/2005/1

**Carmelo Farrugia**

**vs**

**Antoine Grima**

**Il-Qorti,**

Fis-7 ta’ Lulju, 2009, il-Qorti Civili tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **“**Il-Qorti:-
>
> Rat l-avvizipprezentat mill-attur nhar l-erbgha (4) ta’ Frar 2005 fejn talab lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur dik is-somma ta’ tlett elef, sitt mija u hamsin lira maltin rapprezentanti din is-somma danni kagunati fil-fond 30, Suq Bonnici, Bormla, minhabba hruq fil-garaxx li jinsab

3, Triq Santa Margherita, Bormla nhar is-sbatax (17) ta’ Marzu 2003.

Il-konvenut interpellat sabiex jersaq ghall-likwidazzjoni u hlas ta’ danni baqa’ nadempjenti.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra bonarja datata ghaxra (10) ta’ Mejju 2004.
Rat in-nota t’eccezzjonijiet ta’ Antoine Grima fejn ecepixxa bir-rispett is-segwenti:-

“Illi prelimianrjament mhiex minnu li l-konvenut gie nterpellat divers drabi sabiex jersaq ghall-likwidazzjoni tad-danni, fil-fatt sahansitra f’dan l-avviz stess, tissemma ittra wahda biss li kienet ta’ natura bonarja w ghalhekk, f’kaz ta’ kundanna, m’ghandux jehel l-hlas t’imghax.

Illi minghajr pregudizzju ghal dak li inghad, meta l-attur gie mitlub sabiex jipproduci lista dettaljata tal-oggetti li allegatament gew distrutti b’rizultat ta’ dan il-hruq, l-istess attur ma baghat ebda lista dettaljata li tindika b’mod précis l-pretensjonijiet vantati minnu.

Illi dejjem minghajr pregudizzju, l-konvenut ma kellu ebda responsabilita ta’ htija ghal hruq ikkagunat fl-imsemmi garaxx w ghalhekk m’ghandux jirrispondi ghat-talbiet maghmula mill-attur.

Illi ghalhekk, it-talbiet attrici huma nfondatai fil-fatt u fid-dritt w ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess attur.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.”

Illi nhar it-tnejn w ghoxrin (22) ta’ Gunju 2005 xehdet **Doris Farrugia** fejn ikkonfermat li hija tigi l-mara tal-attur u tghix mieghu fil-fond imsemmi fl-avviz u cioe Bormla. Stqarret li fis-sbatax (17) ta’ Marzu 2003 ghal habta tas-sebgha w nofs ta’

filghaxija, hija kienet id-dar wahedha u f'daqqa wahda dahal missierha u qalilha sabiex tigbor lit-tifel u tigri 'l barra peress li l-garage ta' tahtha, kien ha n-nar. Appena hareg rat in-nar fil-garaxx tal-konvenut, gholi sular u nofs u rat l-istess nar diehel fil-fond taghha u semghet affarijiet jinkisru. Qalet li bhala rizultat ta' dan in-nar, il-post t'ommha waqa' ghal fuq il-garaxx waqt li taghha kien sfronda.

Ikkonfermat li apparti l-hsara fil-bini li kien hemm, hija sofriet danni personali fl-affarijiet proprjeta taghha kif deskritti fil-prospett esebit minnha w immarkat bhala Dok. DF. Qalet li minhabba l-hruq, kemm hi kif ukoll ommha, kellhom ifittxu residenza alternattiva fejn ighixu sakemm tissewwa l-hsara. Hija marret tghix M'Scala. Qalet li mal-konvenut, hija qatt ma tkellmet dwar il-*quantum* tad-danni. Qalet li tkellmet mal-avukat taghha li baghat ittra ghan-nom taghhom. Ikkonfermat li r-residenza taghhom hija proprjeta tal-Gvern u kien il-Gvern li tahom post alternattiv fejn ighixu sakemm jitranga l-post. X'kienet il-kawza tan-nar ma tafx.

Nhar il-hdax (11) ta' Mejju 2006 regghet xehdet u spjegat il-prospett imhejji minnha. Mistoqsija tispjega l-figura tal-kera u cioe l-ammont ta' LM609, hi spjegat li s-somma LM48 li tirraprezenta l-kera tal-fond li nharaq fl-ammont ta' LM16 fis-sena w ghamlet hekk ghal perijodu ta' tlett snin b'hekk hallset total ta' LM48, hallset is-somma ta' LM187 fis-sena ghal kera l-gdida fuq il-post fejn kienet qed tghix, b'hekk hallset is-somma ta' LM561, it-tnejn flimkien jghamlu LM609. Qalet l-ispjjez l-ohra huma ben identifikati.

Illi nhar it-tmintax (18) ta' Gunju 2007 ix-xhud esebiet zewg ricevuti tal-kera, wahda minnhom hija mmarkata bhala Dok. DF li tirrapprezenta l-kera fuq il-fond f'Bormla mertu tal-kawza fl-ammont ta' LM93.45 u d-Dok. DF 1 li jirraprezenta

l-kera fuq post iehor f'Cospicua, pero dan ma halsitux.

In kontr'esami tghid li l-ewwel kamra taghha hija salott u l-art taghha kien sfrondat w ghalhekk ma setghetx tidhol f'din il-kamra. Ikkonfermat li l-aktar hsara li kellha, kien f'din il-kamra, izda anke f'kamra l-ohra, konsistenti f'nugrufun u foga. Ikkonfermat li fil-post li kienet kriet, damet tghix hames snin, ghalkemm kera ma kienitx thallas, peress li baqghet thallas il-kera tal-post li nharaq. Qalet li kera ghal post fejn kienu joqghodu temporanjament, ma hallsux. Spjegat li fis-salott kellha *bar* kbir b'hafna xorb alkoholiku ta' tipi differenti u fil-fatt tikkalkula li kien hemm aktar minn hamsin flixkun, ghax kien hemm faccata shiha. Qalet li l-prezz li tat fid-dokument minnha esebit, huwa pezz rejali ta' kemm hi hallset ghax-xorb. Qalet li salott gdid ghadha ma xtratx ghaliex l-ewwel kellha tixtri l-bzonnijiet. L-affarijiet imsemmija fil-proseptt, bhal salott ta' hames bicciet u *wall unit*, kellha tarmihom ghax kienu mahruqa kollha.

**Raphael Aquilina** xehed nhar it-tnejn w ghoxrin (22) ta' Gunju 2005 fejn qal li huwa jigi missier l-mara tal-attur w ikkonferma li huwa kien ighix ma martu fl-istess livell ta' fejn ighix l-attur w ghalhekk, il-fond tieghu wkoll gie mahkum bin-nar. Jiftakar li fis-sbatax (17) ta' Marzu 2003, huwa kien id-dar meta, fid-daqqa w il-hin, ra n-nar tiela mill-garaxx ta' tahtu w ghalhekk qabad u hareg 'l barra. Qal li n-nar tant kien qawwi, li sahansitra anke haraq il-faccata tad-djar li kien man naha l-ohra tat-triq. Stqarr li n-nar tant kien qawwi li t-travi dahbu u l-art tal-*flat* tieghu waqghet. Qal li s-saqaf tal-fond ta' bintu ma sfondax, izda ghadu mdendel. Ikkonferma pero li kull ma bintu kellha fil-*flat*, gie distrutt. Qal li l-konvenut ma marx jara x'garalu u lanqas m'offrielu xi kumpens.

In kontr'esami nhar it-tlettax (13) t'Ottubru 2008 ighid li fid-dar ta' bintu ma setghux jidhlu, ghaliex l-art kienet sfrondat. Ikkonferma li fis-salott, bintu kellha salott, *wall unit* u *bar* b'hafna xorb akloholiku. Qal li kellha wkoll armatura shiha u li ghoxrin flixkun, kien hemm zgur. Ikkonferma li meta beda l-incident, hu ma kienx hemm u x'kienet il-kagun tan-nar, ma jafx.

L-espert tekniku **Joseph Zammit** xehed nhar id-disgha (9) ta' Frar 2006 fejn ikkonferma li fis-sbatax (17) ta' Marzu 2003, huwa kien gie nominat fl-atti tal-inkjesta mill-Magistrat tal-ghassa u dan fil-kapacita tieghu bhala espert tekniku, sabiex jikkonstata l-hsarat li kienu affettwaw l-vetturi li hemm f'dan il-garaxx u anke barra u sabiex jara jekk dan in-nar setghax origina mill-istess vetturi. Jghid illi huwa sab li l-vetturi kienu sofrew hsarat li kien irrelata dwarhom fir-relazzjoni li kien esebixxa fl-atti tal-inkjesta u wara li kien sema' il-possessur tal-garaxx u ra l-affarijiet kif kienu, li kkonkluda li n-nar ma kienx beda mill-vetturi, izda minn raff li kien hemm f'dan l-istess garaxx. Huwa esebixxa r-rapport bhala Dok. JZ.

Illi l-perit kkonkluda wkoll li l-hsarat kienu estensivi hafna kemm fuq il-kostruzzjoni tal-garaxx, kif ukoll fis-sular ta' fuqu, abitat minn zewg familji. Illi fil-presenza tieghu l-Perit Arkitett nominat mill-Qorti kkonferma li l-fondi ma kienxu tajjeb ghall-abitazzjoni, stante l-hsarat li kien hemm fihom.

Il-**Professur Alfred Vella** xehed nhar id-disgha (9) ta' Frar 2006 fejm ikkonferma li hu wkoll kien gie nominat fl-atti tal-inkjesta mill-Magistrat tal-ghassa. Ikkonferma wkoll li mill-access li zamm u mix-xhieda li gabar u konstatazzjonijiet li ghamel, l-hruq beda minn fuq ir-raff, izda x'kien is-sors ta' dan in-nar, ma jafx. Huwa esebixxa kopja tar-relazzjoni tieghu bhala Dok. AV.

Illi nhar il-hdax (11) ta’ Mejju 2005 **PC 186 Christian Mintoff** xehed u esebixxa tlett ritratti mehuda minnu dwar il-hsara li kien hemm fil-fond in kwistjoni. Dawn gew immarkati bhala Dok. KM 1, KM 2 u KM 3.

Il-konvenut **Antoine Grima** xehed permezz tal-affidavit esebit fl-atti a fol. 97. Fih qal li fis-sbatax (17) ta’ Marzu 2003 ghall-habta tas-sebgha w nofs ta’ filghaxija huwa mar jigbor xi affarijiet mill-garaxx tieghu w appena fetah il-bieb tal-garaxx, ra xi dawl fuq ir-raff w induna li kien qed jaqbad. Qal li huwa pprova jitfi n-nar, izda dan ma kienx kontrollabli u n-nar baqa’ jiehu. Qal li mbaghad in-nar qabad f’daqqa u huwa cempel lil tal-Fire Brigade. Qal li appena waslu, dawn bdew jitfghu il-*foam* u n-nar beda jaqbad aktar. Qal li fil-garaxx huwa jzomm l-affarijiet li juza ghax-xoghol, fosthom kwantita ta’ *foam* w injam. Qal li t-tiswijiet fid-djar sovrastanti ghal garaxx tieghu saru taht is-sorveljanza tal-Perit Robert Fenech fuq inkarigu tal-Housing Authority. Qal li l-hsarat sofferti mill-attur m’ghandux ibatihom hu, peress li ma hux responsabbli ghan-nar li hakem il-garaxx tieghu.

In kontr’esami qal li l-*foam* li kellu fil-garaxx kien ilu ghandu hmistax-il jum u dan kien ghalih wahdu fuq ir-raff, mhux ma l-injam, maghhom pero kien hemm, pezzez ta’ drapp, kif dejjem kien ikollu.

Il-**Perit Robert Fenech** xehed nhar it-tlettax (13) t’Ottubru 2008 fejn ikkonferma li kien hemm hruq fiz-zewg appartamenti li jgibu n-numri 29 u 30 u li l-hsara kienet wahda estensiva. Ikkonferma li fil-fatt il-fond numru 30 kien sfronda. Qal li kien hemm hsara fis-sistema tad-dawl w ilma, fl-ghamara u fil-*furnishings*. Qal li ma jidhirlux li l-attur hallas ghal xi tiswijiet li kien hemm bzonn.

**Anthony Grima**, missier il-konvenut xehed permezz t’affidavit esebit fl-atti a fol. 119 fejn fih jikkonferma li dakinhar tal-incident, huwa kien

akkumpanja lil ibnu fil-garaxx ghall habta tas-sebgha w nofs ta' filghaxija. Qal li appena fethu l-bieb, ibnu qallu li kien hemm xi dawl fuq ir-raff u mill-ewwel kien haseb hazing, peress li l-main tal-elettriku kien mitfi. Qal li ibnu tela' fuq ir-raff u ra li kien hemm in-nar. Ikkonferma li fuq ir-raff ibnu jzomm il-*foam,* injam u materjal iehor li juza fix-xoghol tieghu ta' tapizzar. Qal li ibnu ttanta jitfi n-nar, izda ma lahaqx, tant li anke spicca b'xi feriti kagunati bin-nar. Qal li n-nar gie mitfi permezz tal-Fire Brigade. Qal li huwa kien imur ma ibnu kuljum fil-garaxx u jaf li kollox kien ordnat sew. Qal ukoll li ibnu kien jassikura li l-*main switch* ikun mitfi qabel ma jitlaq mill-garaxx. Qal li dakinhar li dahlu fil-garaxx fil-jum tal-incident, ra li n-nar kien qed ikebbes fuq ir-raff. In-nar infirex ma kulimkien u kien hemm hafna hsara, kemm fil-garaxx, kif ukoll fil-fondi sovraposti u f'dawk tal-faccata li kienu mimlija nugrufun.

Ikkunsidrat:-

Illi l-attur qed jitlob lil Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallsu dik is-somma msemmija fl-avviz, rapprezentanti danni li huwa sofra minhabba l-hruq li kien hemm fil-garaxx sovrapost ghal fond residenzjali tieghu.

Illi ma hux kontestat li bhal rizultat ta' dan il-hruq li hakem, l-attur sofra xi danni, ghalkemm il-konvenut qed ighid li huwa m'ghandux jaghmel tajjeb ghal dawn il-hsarat, peress li l-hruq ma kienx tort tieghu u di piu, f'kaz li jigi kkundannat ihallas id-danni, id-danni reklamati mill-attur huma eccessivi.

Huwa kompitu ghalhekk ta' din il-Qorti sabiex tezamina l-provi migbura sabiex tara jekk l-attur irnexxilux jipprova li d-danni reklamati minnhom humiex eccessi jew le u jekk huwiex l-konvenut li ghandu jghamel tajjeb ghalihom.

Il-Qorti hawn taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-ismijiet **Joseph Tonna vs Philip Azzopardi** deciza nhar it-tnax (12) t'April, 2007 mill-Onorevoli Imhallef Dr. Philip Sciberras fejn inghad illi:

"*In materja ta' provi, r-regoli l-aktar prevalenti fl-ordinament guridiku taghna jidhru li huma dawn:*
*a. Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piz tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ggib il-prova ta' l-ezistenza tieghu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu (actori incumbit probatio), sija fuq il-konvenut ghas-sostenn tal-fatt migjub minnu biex jikkontrasta il-pretiza ta' l-attur (reus in excipiendo fit actor) – Ara Vol. XLVI/i/5.*
*b. Fil-kors tal-kawza dan il-piz jista joxxilla minn parti ghall-ohra, ghax, kif jinghad, 'jista jkun gie stabbilit fatt li juri prima facie li t-tezi ta' l-attur hija sostenuta' – Ara Vol. XXXVII/i/577;*
*c. Il-gudikant adit mill-meritu tal-kaz hu tenut jiddeciedi iuxta allegata et probata, u dan jimporta illi d-decizjoni tieghu tigi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jigifieri, minn dawk ic-cirkustanzi tal-fatti dedotti ghab-bazi tad-domanda jew ta' l-eccezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piz tal-provi ssir bazi tar-regola legali tal-gudizzju in kwantu timponi fuq il-gudikant il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru ghax mhux ippruvat;*
*d. Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-principju tal-konvinciment liberu tal-gudikant. Lilu hu moghti l-poter diskrezzjonali ta' l-apprezzament tar-rizultanzi probatorji u allura hu liberu li jibbaza l-konvinciment tieghu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli u idoneji ghall-formazzjoni tal-konvinciment tieghu. Naturalment dik id-diskrezzjoni tieghu hi soggetta ghal dak il-limitu legali impost fuqu mill-artikolu 218 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili li jrid li fis-*

*sentenza tinghata motivazzjoni ragonata li tikkonsenti l-kontroll tal-hsieb logiku segwit fuq appell interpost mis-sentenza. Motivazzjoni din, li jekk jinstab li tirrispondi mal-logika u r-razzjonalita, kif ukoll koerenti ma' l-elementi utilizzati allura skond gurisprudenza konkordi, ma tigix disturbata minn Qorti ta' revizjoni – Ara b'ezempju* ***<u>Ramchand Kilumal noe vs Jessie Blanco</u>*** *– App. 30 ta' Gunju, 1912 (Vol. XXIV/i/104)";*

Illi dwar il-kwistjoni ta' responsabilita, jinghad li mill-provi prodotti li m'humiex kontestati, kien hemm hruq ta' *foam* fuq xi raff gewwa l-garaxx tal-konvenut, liema hruq ikkaguna hsara lill-attur, tant li l-attur kellu jabbanduna d-dar residenzjali tieghu w imur ighix f'residenza ohra moghtija lilu mill-Housing Authority. Illi huwa minnu li dan il-hruq ma sehhx minhabba xi negligenza jew imperizja da parti tal-konvenut, pero xorta sehh minhabba z-zamma ta' materjal tieghu, u li kieku ma kienx hemm tali zamma, l-probabilita hi, li ma kienx ikun hemm dan il-hruq.

Illi ghalhekk, civilment huwa il-konvenut li ghandu jirrispondi ghat-talbiet tal-attur.

Dwar il-*quantum* pero, din il-Qorti tinnota li l-attur ma tantx gab provi dokumentarji sabiex jissostanzja t-talba tieghu, salv ir-ricevuti tal-kera. Huwa esebixxa prospett fejn indika piu o meno l-valur tal-oggetti li gew distrutti minhabba dan in-nar. L-attur ighid li huwa baqa' jhallas il-kera fuq il-post li inharaq, nonostante li nghata post alternattiv mill-Gvern. Illi ghalhekk tali ammont ma jistax jigi rikjamat mill-konvenut, ghaliex anke kieku l-fond m'inharaqx, il-kera kienet tibqa dovuta dejjem. Illi peress li ma hallasx kera zejda, minhabba li kellu jabbanduna d-dar residenzjali tieghu, tali kera ma tistax tintalab mill-konvenut.

Illi ghalhekk, mit-talba ta' LM3,650, trid titnaqqas minnufih is-somma ta' LM609 tal-kera.

Dwar il-kumplament, u cioe LM2,941, l-attur ma gab lanqas ricevuta wahda, ressaq lil missier il-mara jghid u jiddeskrivi dak li kien hemm fil-kamra tas-salott qabel m'inharaq u cioe li kien hemm *bar*, *wall unit* u salott. Illi mir-ritratti esebiti, jirrizulta li n-nar kien wiehed ta' certu kobor w ghalhekk, fic-cirkostanzi l-Qorti qieghda *arbitrio boni viri,* tillikwida d-danni sofferti mill-attur ghas-somma ta' LM2,500, ekwivalenti llum ghal hamest elef, tmin mija, tlieta w ghoxrin euro u hamsa w erbghin euro centezmi (€5823.45).

Dwar il-kwistjoni li l-azzjoni hija wahda ntempestiva, jirrizulta mill-atti, li l-konvenut qatt ma resaq sabiex jaghmel tajjeb ghad-danni kagunati minnu u lanqas wiegeb l-ittra li kienet intbaghtitlu mill-avukat difensur tal-attur w ghalhekk f'dawn ic-cirkostanzi, ma thossx li t-talba hija ntempestiva.

Ghaldaqstant il-Qorti qieghda tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut u tilqa t-talba tal-attur limitatament ghas-somma ta LM2,500, ekwivalenti llum ghal hamest elef, tmin mija, tlieta w ghoxrin euro u hamsa w erbghin euro centezmi (€5823.45) u tordna lill-konvenut ihallas lil attur din is-somma hekk likwidata.

L-ispejjez ta' din l-istanza flimkien mal-imghaxijiet, jithallsu mill-konvenut."

Il-konvenut appella minn din is-sentenza biex iressaq principalment l-ilment illi mill-assjem tal-provi l-ewwel Qorti qatt ma setghet tasal biex issibu responsabbli ghad-danni. Permezz ta' ilment iehor huwa jissottometti illi gjaladarba d-danni ma gewx provati, l-ewwel Qorti qatt ma kellha tillikwidahom *arbitrio boni viri;*

L-attur ukoll ma hassux ghal kollox sodisfatt bis-sentenza tal-Qorti Inferjuri, u permezz ta' appell incidentali

kkewerela r-riduzzjoni li saret ghal dawk l-irjus tad-danni konnessi mal-kera tal-post incendjat u l-kera tal-fond alternattiv;

Fl-esposizzjoni ta' l-argomenti in mertu ghall-addebitu fil-konfront tieghu tar-responsabilita`, il-konvenut appellant jissottometti illi l-konkluzjoni raggunta mill-ewwel Qorti hi inkonsistenti u kontradittorja ghaliex ma setax f'nifs wiehed jinghad li hu ma kienx negligenti f'ghemilu u f'nifs iehor tigi attribwita htija fih sempliciment, u in bazi tal-probabilita`, ghaz-zamma ta' materjali fil-mahzen. F'dan l-istess kuntest l-appellanti jissokta jissottometti illi l-qaghda kellha tigi ezaminata mill-ottika ta' l-Artikoli 1031 u 1032 (1) tal-Kodici Civili;

Hu ben saldat fil-ligi taghna illi l-koncezzjoni tar-responsabilita` civili ta' indoli akwiljana tesprimi ruhha fil-kolpa (Artikolu 1031, Kodici Civili) u din, fil-qafas ta' l-istess Kodici Civili, hi oggettivament espressa minn nuqqas ta' prudenza, tad-diligenza u tal-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja [Artikolu 1032(1)]. Min, allura, jaghmel uzu minn kondotta mhux konformi ghal dawn il-kanoni objettivi tad-diligenza, prudenza u tal-hsieb *uti bonus paterfamilias* jitqies in kolpa u jkollu jwiegeb ghad-danni li jissucciedu. Wisq ragonevolment, jispetta lill-attur, li lilu gie kagonat id-dannu, li jaghti prova ta' din il-kolpa, ossija tan-ness kawzali bejn l-event dannuz u l-kondotta tad-danneggjant, u ta' l-ezistenza tad-dannu. Logikament ukoll, dan il-principju ma jfisserx illi l-Qorti ghandha takkwizixxi din il-kolpa eskluzivament mill-materjal probatorju offert mill-attur danneggjat ghaliex jista' jaghti l-kaz li l-kolpa tal-konvenut specjalment fejn ma jkunx agevoli li ssir l-prova diretta, tigi dezunta minn fatti u cirkostanzi li ghandhom l-impronta ta' htija;

Fiz-zgur, id-dispost ta' l-Artikolu 1651 tal-Kodici Civili ghal liema jirreferi l-attur appellat fir-risposta ta' l-appell tieghu ma jiccentra xejn fil-kestjoni. Dan ghaliex il-presunzjoni *iuris tantum* tar-responsabilita` tal-kerrej fil-kaz ta' hruq

ikkontemplata b'dak l-artikolu ma testendix ruhha ghad-danni kagonati bl-istess hruq fil-fond vicin. Hekk jinsab enuncjat f'gurisprudenza konformi illi "*la legge dette regole speciali nel caso d'incendio nei rapporti tra locatore e conduttore*" izda "*tali regole, ed i vantaggi accordati al locatore, non si estendono alle azioni dei vicini. Sono applicabili percio` le regole del diritto comune. Il vicino, il cui fabbricato è incendiato come conseguenza dell'incendio scoppiato in uno stabilimento vicino, sè chiede una indennita al conduttore o proprietario di tale stabilimento, ha l'onere della prova della colpa di tale proprietario o conduttore, perche egli invoca contro di lui un diritto che non ha altro fondamento che la colpa di colui contro il quale il reclamo vien fatto*". ("**Giovanni Tabone *et* -vs- John Ellul Sullivan *nomine***", Qorti tal-Kummerc, 7 ta' Frar, 1924. Ara wkoll il-kumment relattiv tal-Qorti ta' l-Appell in re: "**Victor Shaw -vs- John Aquilina *nomine***", 27 ta' Marzu, 1996). Jikkonsegwi illi "l-prova tal-kolpa, dwar il-fondi vicini, hija mhollija, skond ir-regoli komuni li jkunu allura jipprevalu, fuq l-atturi" ("**Farmacista Nicola Spiteri *et* -vs- Vincenza Zarb**", Prim' Awla, Qorti Civili, 9 ta' Frar, 1951);

Eliminata l-applikabilita ta' l-Artikolu 1651 ghall-fattispeci, jirrizulta mill-perizja ta' l-espert nominat mill-ewwel Qorti dawn l-aspetti l-aktar sinjifikativi:-

(1) L-incendju skoppja fuq ir-raff ta' quddiem tal-mahzen proprjeta` tal-konvenut. Fuq dan ir-raff kienu stivati folji tal-*foam rubber*, pezzez ta' drapp, injam u materjal iehor;

(2) Ma setax jigi identifikat b'sikurezza l-kawza vera ta' l-incendju. Dan, il-perit wasal ghalih wara li eskluda l-varji ipotesijiet u possibilitajiet bhal ma huma l-intervent illecitu minn terzi, kawzi elettrici, u l-konbustjoni spontaneja tal-*foam*;

(3) B'danakollu, il-perizja tikkonkludi illi, "huwa probabbli li gara xi haga ohra li tispjega x'ikkawza li jiehu

n-nar il-*foam rubber* jew xi materjal iehor qribu li kien hemm fuq ir-raff ta’ quddiem tal-garaxx”;

In bazi ghar-rizultanzi ta’ din il-perizja l-ewwel Qorti ddeterminat illi ghalkemm il-hruq ma sehhx ghal xi negligenza jew imperizja tal-konvenut, mhux eskluz, u anzi hu probabbli, li dak l-istess hruq avvera ruhu minhabba l-kumulu ta’ materjal li l-appellanti kellu stivat fil-mahzen. Hu dan ir-ragonament li l-appellant jikkontesta bl-appell tieghu u, sew fuq il-bazi tal-perizja, kif ukoll bl-invokazzjoni sussidjarja tal-kaz fortuwitu, jikkontendi li ma kellha tigi imputata lilu ebda responsabilita civili ghaliex l-ebda att jew ommissjoni da parti tieghu ma giet provata;

Ma hemmx dubju illi l-attur appellat ipprova li l-kagun tan-nar sehh fil-mahzen u li ghal dan il-mahzen kien responsabli l-konvenut. Ma hemmx lanqas dubju illi f’kazijiet ta’ din ix-xorta mhux dejjem facli ghall-attur li jgib il-prova ezatta dwar x’ikkaguna l-hruq, ghax kif osservat, anke ghal min hu espert dan il-kompitu spiss drabi jipprezenta diffikultajiet li jimpedixxu, jew ma jirrendux facli, li jkun maghruf, b’mod dirett, is-sors ta’ dak il-hruq. Dan, pero` ma jfisserx illi r-responsabilita` a kariku ta’ l-appellanti mhix prospettabbli jekk il-verifika ta’ l-event tad-dannu hi kollegabbli ghall-fatturi cirkostanzjali, bhal ma huma x-xorta u l-kwantita akkumunata ta’ materjal, ta’ natura pjuttost riskjuza, mizmuma gewwa mahzen. Naturalment, tikkompeti lill-gudikant il-konsiderazzjoni jekk l-event leziv huwiex il-konsegwenza probabbli ta’ dak il-materjal u tal-mod tal-hazna tieghu;

Hi effettivament din l-istess konsiderazzjoni li wasslet lill-Qorti ta’ l-Appell, sede Kummercjali, biex, in bazi ghall-fattezzi li joffru certu xebh mal-kaz prezenti, tiddeciedi illi “l-htija tal-konvenut, fi kliem iehor, ma hijiex qeghda tigi ravvizata fil-fatt stess li skoppja l-hruq, imma filli kolposament u negligentement huwa holoq sitwazzjoni li kkawzat jew ikkontribwiet sewwa ghal li n-nar facilment jinxtered u difficilment seta’ jinzamm milli jinxtered, b’mod

li estenda ruhu ghal-fond sovrastanti, fejn ikkaguna dannu lill-proprjeta` ta' haddiehor" ("**Antonio Vella** ***et*** **-vs- Emanuel Attard**", 12 ta' Lulju, 1976). Dan, wara li dik il-Qorti rragunat illi, ghalkemm ma jirrizultax x'kienet il-kawza ta' l-incendju, u eskluz ukoll li l-incendju kien kolpuz, kien hemm imprudenza mill-konvenut fil-fatt li huwa stiva u mballa l-fond bi kwantita ta' oggetti u materjali, fosthom materjali konbustibbli u naqas ukoll milli, ghal dak li kien prevedibbli, jiehu l-prekawzjonijiet ta' *bonus pater familias* mistennija minnu fic-cirkustanzi;

F'qaghda bhal din ikollu jinghad li l-applikabilita` tad-disposizzjonijiet tal-Kodici Civili [Artikoli 1031 u 1032 (1)], ghal liema jirreferi l-appellanti, issib postha f'dan il-kaz in vista tal-accertament tal-fatt objettiv tad-derivazzjoni kawzali tad-dannu biz-zamma ta' dawk il-materjali fil-mahzen. Fil-fehma tal-Qorti mir-rizultanzi istruttorji dan ir-rapport ta' kawzalita` ghal dik ir-raguni ma jidherx li hu interrott minn sopravenjenza ta' xi kaz fortuwitu, kif hekk jippretendi l-appellant. Mhux il-kaz allura li din il-Qorti tiskarta l-htija askritta lill-appellanti mill-attur u mill-ewwel Qorti. L-ewwel aggravju qieghed konsegwentement jitqies infondat;

It-tieni aggravju u l-appell incidentali in kwantu jikkoncernaw il-komponenti tad-danni ser jigu konsiderati flimkien;

Jigi osservat illi fit-termini ta' l-Artikolu 1045 tal-Kodici Civili d-dannu jikkonsisti *inter alia*, fit-"telf effettiv li l-eghmil ikun gieb direttament lil parti li tbati l-hsara". Li jfisser, b'applikazzjoni, illi r-responsabilita` tad-danneggjant hi cirkoskritta ghad-danni immedjati u diretti naxxenti mill-event ta' l-incendju. B'dan il-mod il-ligi trid tevita li d-danneggjant jirrispondi ghal kwalsiasi xorta ta' danni, anke ta' konsegwenza remota. Ara f'dan is-sens "**Antonio Mallia -vs- Catherine Moore**", Appell Civili, 26 ta' Novembru, 1954;

Issa ma jistax jonqos li jigi rilevat qabel xejn illi fejn tidhol il-komputazzjoni tad-danni tezisti t-tendenza, anke jekk mhux bilfors intenzjonata illi d-danneggjat jezagera t-talba tieghu dwar kemm kien n-numru ta' oggetti li sfaw danneggjati, u li jinflazzjona wkoll il-valur taghhom bl-ispettanza ta' rizarciment li, fir-realta`, ma jkunx dak idoneju. In partikolari, dan frekwentement jigri fejn dik l-istess talba ma tkunx supportata minn ricevuti, fatturi jew prova dokumentarja ohra ta' sostenn. Dan kollu qed jinghad biex jintroduci t-tema dwar il-kalkolazzjoni tad-danni;

Hi gurisprudenza pacifika illi d-deklaratorja generali tad-danni m'hijiex prova ta' l-ezistenza taghhom imma tfisser biss li l-konvenut hu responsabbli ghad-danni jekk ikun hemm. Ara, a propozitu u fost ohrajn, is-sentenza fl-ismijiet "**Kurunell Stephen Borg *nomine et* -vs- Joseph Schembri**", Prim' Awla, Qorti Civili, 28 ta' Jannar, 1965. Kif ukoll konstatat, il-ligi trid li min ikun responsabbli ghad-danni ghandu jhallas kull dannu li ragonevolment jitqies bhala konsegwenza diretta tal-fatt illecitu. Ara "**Carmelo Bugeja -vs- Lorenzo Cassar**", Appell Civili, 1 ta' Frar, 1966;

Attiz li d-danni sofferti mill-attur kienu jinsabu f'rapport ma' dik ta' l-immedjatezza u tal-prossimita` ghal liema jirreferi l-Artikolu 1045 fuq imsemmi, in linea ta' principju l-attur htieglu jipprova l-kwantum tas-somma minnu reklamata. Minn naha l-ohra, jrid dejjem jinzamm in vista illi fejn id-danni ma jkunux jistghu jigu provati u accertati fl-ammont preciz taghhom, m'ghandux ikun eskluz illi l-gudikant jirrikorri ghal valutazzjoni ekwitativa bl-applikazzjoni tal-principju *ex aequo et bono*. F'dan ma hemm xejn gdid li ma giex diga adoperat mill-Qrati taghna, kif illustrat f'bosta decizjonijiet. Ara b'mod partikolari s-sentenza a **Vol. XXXV P III p 615**;

Ezaminati l-argomenti sottomessi miz-zewg partijiet taht dan il-kap, din il-Qorti hi ta' l-opinjoni konsiderata illi l-ewwel Qorti, konfrontata bin-nuqqas ta' prova accertata da parte ta' l-attur, u maqbul ukoll li r-riduzzjoni ta' l-ammont ta' kera reklamat hi f'waqtha u regolari, kienet ghal kollox gustifikata li tapplika l-predett principju. Mhux ghal din il-Qorti fic-cirkustanzi pervenuti illi tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti fir-rigward, anke ghaliex ma jidhrilhiex li d-diskrezzjoni hekk ezercitata hi wahda manifestament zbaljata. Addizzjonalment, il-Qorti ma ssibx illi gew sottomessi lilha mill-appellanti ragunijiet gravi li jgeghluha tissostitwixxi dik l-istess diskrezzjoni b'dik taghha. Ghal dawn ir-ragunijiet sew t-tieni aggravju kif ukoll l-appell incidentali qed jitqiesu insostenibbli.

Ghal dawn il-motivi kollha din il-Qorti qed tirrespingi sew l-appell principali kif ukoll dak incidentali u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez jitbatew kwantu ghall-appell principali mill-konvenut appellant u kwantu ghall-appell incidentali mill-attur appellat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------